# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru.: 613/2019 MH**

**Illum, 21 ta' Ġunju, 2019**

**Alfred Anton Zarifa, impjegat, iben id-defunt Antoine u d-defunta Genevieve neé Hayrouz, imwieled Tripli, il-Libja u residenti Hal Lija detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 315087 (M) u martu Olena Zarifa, bint Viktor Klymenko u Lilia neé Kushnir, imwielda Hersen fl-Ukraina u residenti Hal Lija detentrici tal-Karta ta' Identita' Numru 326907 (L)**

**Vs.**

**Alexander Mangion, direttur ta' kumpannija, iben Nazzareno u Rita neé Spiteri, imwieled il-Pieta, u residenti r-Rabat, Malta detentur tal-Karta ta' Identita' Numru 565482M u Melvin Mangion, direttur ta' kumpannija, iben Nazzareno u Rita neé Spiteri, imwieled il-Pieta, u residenti r-Rabat detentur tal-Karta ta' Identita Numru 300580M.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ghal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni datat 9 ta' Mejju 2019.[1]

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Mejju 2019.[2]

Rat ir-risposta oppositorja datata 10 ta' Ġunju, 2019.[3]

Rat l-atti kollha tal-mandat.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-opposizzjoni għal din it-talba ghal ħruġ ta' l-Att Kawtelatorju hija msejsa fuq l-artikolu 836 (5) tal-Kap 12, ċitat fir-risposta riferuta.

Jingħad, kif ben sostna l-abbli Avukat ta' l-intimati Mangion, illi ġia kien intalab u nħareg Mandat ta' Inibizzjoni eżatt bhal dak in eżami llum. Dan huwa esebit fl-atti bħala Dok MPM2.[4]

L-istess mandat ġie pero' revokat bi provvediment ieħor fl-atti tal-kontro mandat 1174/2018LM.[5]

Il-pern tar-revoka tal-mandat suriferit huwa l-fatt illi fi kliem il-Qorti li tat dak il-provvediment, illi:

---

[1] Folio 1
[2] Folio 4
[3] Folio 21
[4] Folio 34
[5] Folio 23 Dok MPM1

> *"l-intimati konjugi Zarifa ma ressqu ebda prova dokumentarja sabiex juru lill-Qorti li ddeċidiet dwar it-talba tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, il-pretensjoni tagħhom minn fejn tirriżulta, jew kif waslu għall-komputazzjoni ta' aktar minn tliet miljun Euro danni li huma jallegaw li ġew ikkawżati lilhom bl-allegata malamministrazzjoni jew atti kommessi mis-soċjetà MPM Capital Investments Limited"*[6]

Illi l-abbli Avukat difensur ta' l-intimati jargumenta li in vista ta' dak stipulat fl-artikolu 836 (5) suriferit, dan il-mandat ma jistax jintlaqa'.

Tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt illi l-istess artikolu huwa ċar. Illi wara revoka ta' mandat kawtelatorju, biex jinħareġ ieħor mill-ġdid jridu jkunu nqalgħu ċirkustanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, ċirkustanzi li jiġġustifikaw ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid, bħal dak li jkun ġie revokat.

Illi l-kelma tal-liġi hawn riferuta hija ċara w inekwivoka. Talba għal ħruġ mill-ġdid wara revoka ta' mandat identiku tinħtieġ b' mod tassattiv ċirkostanzi ġodda.

L-avukat tar-rikorrenti jsostni illi l-istess qed iressqu azzjoni ta' rivalsa, pero' ħarsa lejn il-mandat revokat u dak mfittex illum, turi li huma identiċi.

Ma ġiet preżentata lil Qorti ebda ċirkustanza ġdida li twassal għall-ħruġ ta' dan il-mandat.

---

[6] Ara Mandat revoka suriferit.

Anzi f' għajnejn il-Qorti dan it-tentattiv jirrisali għal abbuż ta' proċess ġudizzjarju għaliex il-kelma tal-liġi tant hija ċara li ma tħalli ebda lok ta' interpretazzjoni.

**Konsegwentement tiċħad it-talba bi spejjeż għar-rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**